

Niflu sew id-dettalji: kif il-PE janalizza l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni

Bħala koleġiżlatur, il-PE hu involut bis-siġh fit-tfassil ta' regoli ġenerali u għażliet politiċi f'varjetà ta' oqsma bħas-sikurezza tal-ikel, il-protezzjoni tad-data u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Kif dawn jitqiegħdu fil-prattika hu importanti wkoll, għax ir-rekwiżiti tekniċi jistgħu jagħmlu differenza kbira fil-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej. Għalhekk il-Membri qed jiffukaw dejjem aktar fuq l-atti delegati u ta' implimentazzjoni li jindikaw kif il-leġiżlazzjoni adottata għandha tiġi applikata.

X'inhuma atti ta' implimentazzjoni u atti delegati

Ħafna drabi l-leġiżlazzjoni tistabbilixxi l-prinċipji jew il-politiki ġenerali, iżda d-dettalji jitħallew għal atti sussegwenti. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-2009, dawn saru magħrufa bħala atti ta' implimentazzjoni u atti delegati.

Atti ta' implimentazzjoni

L-atti ta' implimentazzjoni jiddeskrivu kif l-atti leġiżlattivi għandhom jiġu implimentati. Normalment dawn jitħejjew mill-Kummissjoni, li tikkonsulta ma' kumitati magħmulin minn rappreżentanti mill-pajjiżi tal-UE.

Il-Membri tal-PE jistgħu joġġezzjonaw għal att ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni, għalkemm trid tikkunsidra l-pożizzjoni tal-Parlament, mhijiex marbuta biha.

Atti delegati

L-atti delegati jintużaw biex leġiżlazzjoni eżistenti tinbidel jew tiġi supplimentata. Dawn huma mod kif il-Parlament u l-Kunsill jawtorizzaw lill-Kummissjoni Ewropea tirrevedi ċerti elementi mhux essenzjali tal-leġiżlazzjoni, pereżempju biż-żieda ta' anness. Madankollu, il-Parlament u l-Kunsill ma jstgħux jiddelegaw is-setgħat leġiżlattivi tagħhom lill-Kummissjoni biex tbiddel partijiet essenzjali ta' atti leġiżlattivi.

Jekk il-Parlament u l-Kunsill ma jaqblux mal-proposta sussegwenti tal-Kummissjoni, huma għandhom id-dritt jirrifjutawha.

Eżempji reċenti ta' sorveljanza parlamentari

F'Jannar il-Membri tal-PE vvutaw kontra att delegat dwar [iz-zokkor fl-ikel tat-trabi](#) għax beżgħu li l-limiti permessi kienu għoljin wisq.

Fi Frar, il-Membri ddeċidew li ma jopponux att delegat li kien qed jipproponi li jiżdiedu temporanjament [il-limiti ta' emissjonijiet ta' NOx għall-karozzi diesel](#) wara li l-Kummissjoni wiegħdet li tinkludi klawsola ta' rieżami.

Fi Frar ukoll, il-Membri oġġezzjonaw għal atti ta' implimentazzjoni għall-approvazzjoni ta' tliet tipi ta' [sojja ġenetikament modifikata](#) wara li wrew tħassib li s-sojja seta' jkun fiha traċċi ta' erbiċida kklassifikata bħala "x'aktarx karċinoġenika".

Għal aktar informazzjoni

[Q&A dwar atti delegati u ta' implimentazzjoni \(bl-Ingliż\)](#)

[Atti delegati: L-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea](#)

[Atti ta' implimentazzjoni: L-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.](#)

[Rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament dwar atti delegati u ta' implimentazzjoni \(Diċembru 2013\)](#)



Il-Membri janalizzaw il-mod kif qed tiġi applikata l-leġislazzjoni Ewropea